**6 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Mifsud

**Sewqan traskurat - Sewqan bla kont - Sewqan perikoluż**

***Sewqan traskurat*** *(*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilħaqx il-livell ta', sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code *li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll għal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fl-artikolu 15 (2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) bħala sewqan "bi traskuraġni kbira". Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita` ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.*

***Sewqan perikoluż*** *(*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-*

*sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluzi l-ħin u l-lokalita' ta' l-inċident u l-preżenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel.*

*Sewqan f'każ partikolari jista' jaqa taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati.*

*Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Alfred Mifsud talli fl-4 ta' Diċembru, 1995, għall-ħabta tas-1.50 p.m. fi Vjal ir-Riħan, San Ġwann, waqt li kien qed isuq il-vettura numru A-0842, (1) saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata (2) b'manjiera perikoluża (3) mhux fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u (4) saq l-istess vettura kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita', il-prosekuzzjoni talbet lill-Ewwel Qorti sabiex l-imsemmi Mifsud jiġi skwalifikat mil-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan għal mhux anqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-10 ta' April, 1996 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alfred Mifsud ħati ta' sewqan perikoluż, mhux fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u kontra s-sinjal tat-traffiku, ikkundannatu multa ta' tletin lira (Lm30) u skwalifikatu għal perijodu ta' tliet xhur mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Alfred Mifsud, minnu ppreżentat fis-16 ta' April, 1996 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza riferibbilment għal kull fejn huwa nstab ħati u kkundannat;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi; rat li l-appellant u d-difensur tiegħu ma ppreżentaw ebda nota sas-7 ta' April, 1997, kif kienu awtorizzati li jagħmlu skond il-verbal taż l-udjenza tad-19 ta' Frar, 1997; ikkunsidrat:

*Omissis*;

Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utili li wieħed jiddistingwi bejn is-sewqan b'nuqqas ta' kont, is-sewqan traskurat u s-sewqan perikoluż imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) (*reckless driving, negligent driving* u *dangerous driving* fit-test Ingliż). **Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll għal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan "bi traskuraġni kbira". Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita` ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. **Sewqan perikoluż** (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew

għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara ***The Police vs Charlotte Chamberlain***, Appell Kriminali, 21/5/96);

Fil-każ in diżamina, l-Ewwel Qorti sabet li s-sewqan ta' l-appellant kien wieħed perikoluż. Din il-Qorti ma tarax li għandha tiddisturba dik il-konklużjoni. Sewwieq li jkun għaddej għall-affari tiegħu minn triq prinċipali, bħalma hija Vjal ir-Riħan, u f'karreġġjata fejn it-traffiku huwa f'sens uniku, m'għandux f'daqqa waħda isib ma' wiċċu jew imqar jara mill-bogħod, karozza ġejja fid-direzzjoni opposta. Dik il-karozza tkun tikkostitwixxi perikolu għall-karozzi l-oħra li jkunu qed isuqu b'mod regolamentari;

Kwantu għall-piena din il-Qorti ukoll ma tarax li hemm lok ta' varjazzjoni;

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-iskwalifika tibda sseħħ min-nofs il-lejl u minuta ta' għada.